# KNEJJES U KAPPELLI DEDIKATI LID-DULURI

***IS-SANTWARJU TA' L-ADDOLORATA GEWWA ABBIATEGRASSO PROVINCJA TA' MILAN.***



Gewwa Abbiategrasso belt fil-provincija ta'Milan, il-kult lejn il-Madonna Addolorata ghandu gheruq fil-fond. Fil-knisja ta' Sant Marija Nuova sa mis-seklu XV kien jezisti altar dedikat lil Marija tas-Sepulkru fejn kienu mqieghda statwi kbar ta' l-injam jiffiguraw lil Kristu mejjet fil-qabar u ma gembu ommu Marija u z-zewg Marijiet l-ohra. Hemm xiehda li dawn kienu jezistu ghax rahom fis-sena 1561 il-patri gizwita Leonetto Clavino li ntbaghat hemmhekk ghall-vizta pastorali mill-Kardinal Carlo Borromeo, illum qaddis.

Dawn ghal xi raguni jew ohra ghebu imma t-tifkira taghhom baqghet hajja fil-qlub tal-poplu abbiatenes, tant li fis-sena 1675 iddecidew li jikkumissjunaw stawa li tiffigura lill-Addolorata, principalment biex tintuza fil-processjoni tal-Gimgha Kbira.

Fis-snin 1741 1742 il-Konfraternita' iddecidiet li tkabbar il-lok fejn kienet merfugha x-xbiha u titrasformah f'oratorju tal-Beata Vergni Addolorata fejn fis-sena 1743 l-istatwa giet imqieghda wara artal tassew imponenti. L-artal ta' l-oratorju gie imbierek fis-sena 1748 u minn dak in-nhar bdew jigu celebrati l-quddies. Dan il-pass kompla kabbar id-devozzjoni lejn id-Duluri tant li barra fil-jum tal-Gimgha l-Kbira, kienet tigi celebrata funzjoni solenni fil-15 ta' settembru. Imma mis-sena 1758 bdew jiccelebrawha b'mod solenni fit-tielet Hadd ta' Ottubru. Bis-sahha t'hekk il-kommemorazzjoni fil-jum tal-Gimgha l-Kbira ma baqghetx issir ghaliex skond ghajdut verbali kien l-kardinal Pozzobonelli, arcisqof ta' Milan li pprojbixxa li issir il-festa fil-jum tal-gimgha l-kbira ghaliex kienu qed issur xi abbuzi ripetuti kull sena.

Ta' kull sena l-poplu ta' dan il-lokal jfakkar il-festa ta' Duluri fit-tielet Hadd ta' Ottubru u fuq inizjattiva popolari anke f'dak il-jum is-simulark tad-duluri johrog fi processjoni mat-toroq tal-lokal. Tant hadet xejra mportanti din il-festa li maghha ziedu Fiera minhabba li f'dan il-jum kien jahbat gheluq l-istagun agrikolu. B'dan il-pass il-festa hadet xejra ta' importanza kummercjali kbira u l-akbar wahda tas-sena.

L-istatwa hija preservata ghall-kult tal-fidili gewwa oratorju sabih hafna.bic-centru tieghu artal mahdum b'irham griz rosa u iswed. Antonio Albertino hadem din ix-xbiha ta' l-Addolorata fil-kartapesta fis-sena 1675 u kien Filippo Biffo li fl-istess sena taha z-zebgha u induraha. Minn zmien ghal zmien il-vara ghaddiet minn stadji ta' restawr.

Fl-abside ta' l-oratorju hemm affreski li jiffiguraw it-tlett Marijiet u San Gwann f'riglejn is-salib u affresk iehor fuq il-lemin juri l-laqgha ta' Marija ma' Binha Gesu' mghobbi bis-salib sejjer lejn il-Kalvarju. Tiddomina kollox hemm mil-pittutra tal-glorja ta' Marija fis-sema. Kollha huma opri tal-pittur Agostino Caironi li huwa esegwa fis-snin 1862-63 biex jissostutwixxu ohrajn li kienu ddeterjoraw. Fis-sena 1804 installaw l-orgni.

Pitturi ohrajn isebhu l-oratorju: insibu il-pittura tal-Madonna ma' San Frangisk u San Karlu, pero' li hija kopja tal-pittura ta' Daniele Crespi; insibu fuq ix-xellug il-Qawmien u l-Madonna konfortrata mill-angli. Il-kappella ghaddiet minn diversi xoghlijiet ta' zebgha, l-aktar ricenti kienet fis-sena 1994.

## IX-XBIHA TA' L-ADDOLORATA GEWWA ABIATEGRASSO.





